MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2009

Talba Numru. 347/2009

**Techinvest Limited**

**Vs**

**Wayne Chetcuti**

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat mis-socjetà attrici permezz ta' liema titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' tlett mija wiehed u tletin Euro u centezmu (€331.01) rapprezentanti l-valur ta' krediti fil-konfront tal-konvenut li gew assenjati lis-socjetà attrici mis-socjetà Nextweb Limited in quanto ghall-kreditu ta' mija u tmienja u ghoxrin Euro u tnax-il centezmu (€128.12) u mis-socjetà Nextgen IT Limited in quanto ghal kreditu ta' mitejn u zewg Euro u disgha u tmenin

centezmu (€202.89) in forza ta’ zewg skritturi privati esebiti bhala Doks. “A” u “B” flimkien ma’ l-Avviz tat-Talba; bl-ispejjez u bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta’ kull fattura rispettiva, Dok. “C” sa’ Dok. “G” annessi flimkien ma’ l-Avviz tat-Talba, sad-data ta’ l-effettiv pagament, kontra il-konvenut.

Ra illi mill-atti jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz tat-Talba u l-istess konvenut ma kkontestax il-kawza fit-terminu lilu prefiss mil-Ligi.

Ra l-atti tal-kawza fosthom id-dokumenti esebiti mis-socjetà attrici bhala Doks. “A” sa’ “G” a fol. 3 sa’ 9 tal-process.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ tlett mija wiehed u tletin Euro u centezmu (€331.01), bl-imghax legali kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------